MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 319/2012

**Domenic sive Dominic Azzopardi**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Domenic sive Dominic Azzopardi fil-5 ta’ Novembru 2012, permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta’ Settembru 2012 bir-referenza PG/358/2012 sabiex ma tinharigtx licenza ta’ Gwardjan Privat f’ismu, ghandha fic-cirkostanzi tigi revokata; u (ii) jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija johrog licenza ta’ Gwardjan Privat f’ismu u b’hekk jaghtih l-opportunità li jkompli jtejjeb hajtu kif jidher car li qed jaghmel, bl-ispejjez tal-proceduri, spejjez legali ghall-pariri w ittri legali in konnessjoni ma’ din il-vertenza kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “DA01” sa’ Dok. “DA06” a fol. 8 sa’ 13 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) l-allegazzjonijiet kollha tar-Rikorrent fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) kien hemm ragunijiet validi bizzejjed li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta’ rifjut mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrent; u (iii) is-sentenza li saret referena ghaliha fir-Rikors promotur u cioè dik tat-13 ta’ Ottubru 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ma hijiex l-unika sentenza li giet moghtija fil-konfront tar-Rikorrent;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent permezz ta’ Nota pprezentata fl-4 ta’ April 2013 u markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 30 sa’ 43 tal-process;

Sema’ ix-xhieda ta’ Anthony Girard[1], Michael Lunn[2], Saviour Lia[3], Fleur Bianco[4] u tar-Rikorrent[5] moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ April 2013 u sema’ x-xhieda ta’ l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi moghtija waqt is-seduta tal-15 ta’ Lulju 2013[6] u ra d-dokumenti esebiti minnha u markati Dok. “SZ1” sa’ Dok. “SZ3” a fol. 64 sa’ 75 tal-process;

Sema’ t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B’ittra datata 26 ta’ Settembru 2012 il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lir-Rikorrent li *b’referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghall-licenza ta’ Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak illi t-talba tieghek ma tistax tigi*

[1] Fol. 44 sa’ 46 tal-process.
[2] Fol. 47 sa’ 50 tal-process.
[3] Fol. 51 sa’ 53 tal-process.
[4] Fol. 54 sa’ 56 tal-process.
[5] Fol. 57 sa’ 61 tal-process.
[6] Fol. 76 u 77 tal-process.

*milqugha skond l-artikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta*[7]*.* Ir-Rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk appella minnha ai termini ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Bil-proceduri odjerni in fatti r-Rikorrent jitlob ir-revoka tad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u minflok li l-istess Kummissarju jigi ordnat johrog licenza ta' Gwardjan Privat favur tieghu. Huwa essenzjalment jibbaza t-talbiet tieghu fuq il-pretensjoni li ghalkemm huwa ben konxju tal-passat tieghu bhala vittma tad-droga u ghalkemm huwa veru li ghadda minn proceduri kriminali decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-13 ta' Ottubru 2011, illum irriforma ruhu u telaq il-vizzji li kellu tant illi l-imsemmija Qorti fid-decizjoni Taghha tat-13 ta' Ottubru 2011 osservat illi *l-piena karcerarja effettiva kienet ser tkun 'aktar ta' detriment' ghall-imputat u anke s-socjetà in generali* u ghalhekk qeghditu taht Ordni ta' Probation ghall-perijodju ta' tlett snin mid-data tas-sentenza *wara li kienet sodisfatt illi "tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna 'a window of opportunity' li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija",* u ghandu l-provi mehtiega li juru l-karattru tajjeb tieghu u l-imgieba ezemplari da parte tieghu wara l-imsemmija sentenza. Ir-Rikorrent jikkontendi li ghalkemm *seta' zbalja fil-passat però, il-qorti nfisha illi deher quddiemha hasset li kellu jinghata opportunità ohra. L-esponenti ha din l-opportunità u aktar ma jghaddi qieghed aktar izid fir-referenzi pozittivi rigward xogholu u l-karattru tieghu tant illi llum sahansitra jaghti lezzjonijiet rigward il-vizzji f'diversi suppost groups, istituzzjonijiet, inkluz skejjel u huwa definit f'wahda mir-referenza rilaxxata lilu bhala "a substantial contributor to his community"*[8]*.*

Il-Kummissarju tal-Pulizija da parte tieghu però jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda stante li (i) l-allegazzjonijiet kollha tar-Rikorrent fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) kien hemm ragunijiet validi bizzejjed li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' rifjut mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrent; u (iii) is-sentenza li saret referena ghaliha fir-Rikors

[7] Dok. "DA03" a fol. 10 tal-process.
[8] Rikors promotur.

promotur u cioè dik tat-13 ta' Ottubru 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ma hijiex l-unika sentenza li giet moghtija fil-konfront tar-Rikorrent.

L-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta in bazi ghal liema l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat jipprovdi li *l-Kummissarju ghandu*[9] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f'Malta*[10] *jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' omicidju volontarju jew ta' offiza gravi jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)*[11] *jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor*. Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta car li l-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni, hlief limitatament fil-konsiderazzjoni ta' x'inhu *delitt gravi iehor*, fl-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi. In effetti jekk wahda jew iktar mic-cirkostanzi stipulati fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta tirrizulta lill-Kummissarju tal-Pulizija hu u jikkonsidra applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat, huwa **ghandu** jichad dik l-applikazzjoni.

Fil-kaz in ezami r-Rikorrent jaghmel referenza ghal u jibbaza ruhu unikament fuq is-sentenza pronuncjata fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2011[12] wara l-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Domenic Azzopardi" u fuq il-kondotta tieghu miz-zmien tat-twettiq tar-reati mertu ta' dawk il-proceduri sa' llum[13], izda jinjora ghal kollox il-veru import ta' dak provdut fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, li kif già osservat huwa l-artikolu tal-Ligi in bazi ghal liema t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza

[9] Sottolinear tat-Tribunal.
[10] *Ibid.*
[11] *Ibid.*
[12] Dok. "A" a fol. 31 sa' 41 tal-process.
[13] Vide xhieda kollha prodotti mir-Rikorrent.

ta' Gwardjan Privat giet michuda. Huwa evidenti li fil-kuntest ta' dak l-artikolu tal-Ligi l-Legislatur ma rabatx is-sejbin ta' htija ta' l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant, ghal wiehed jew iktar mir-reati hemm imsemmija ma' xi perijodu partikolari u ghalhekk ir-Rikorrent ma huwiex korrett meta jippretendi li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu u t-Tribunal ghandu fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tat-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat, jikkonsidra **biss** dak deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ma jarax dak kollu li jista' jirrizulta mill-fedina penali tieghu.

In effetti mill-fedina penali tar-Rikorrent[14] jirrizulta li fit-13 ta' Lulju 2007 huwa kien instab hati *talli fl-14.11.02 minn Naxxar ghall-habta tal-5:30p.m. <u>ikkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Mazda 121 bin-numru tar-reg. LAK 982 li l-valur taghha teccedi is-somma ta' Lm1,000 ghad-dannu ta' Emanuel Cutajar u/jew Francis Xuereb</u>*[15]*, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, lok, persuna u xorta tal-haga misruqa; u ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' somma ta' flus kontanti ta' Lm500 ghad-dannu ta' Emanuel Cutajar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, persuna u xorta tal-haga misruqa* u gie kkundannat tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin. Dak li jirrizulta mill-fedina penali fir-rigward ta' din il-kundanna partikolari jinsab ikkonfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Domenic Azzopardi" datata 13 ta' Lulju 2007, li giet esebita mill-Kummissarju tal-Pulizija bhala Dok. "SZ3" a fol. 72 sa' 75 tal-process.

Mill-korp ta' dik is-sentenza jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkunsidrat in-Nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju 2004 *li permezz taghha deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 261 (c), (d), (e) u (g), 267, 268, 269, 271, 279(b), 281, 334, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici*

[14] Dok. "SZ1" a fol. 64 sa' 70 tal-process.
[15] Sottolinear tat-Tribunal.

*Kriminali* u fid-decide ta' l-istess sentenza l- Qorti ddikjarat *ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-6 ta' Lulju 2004 kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tlett (3) snin millum.*

Mis-siltiet appena citati mill-imsemmija sentenza jirrizulta ghalhekk li l-imputat instab **hati** – ghaliex ai termini tal-Ligi sentenza sospiza effettivament tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' htija – ta' **delitt kontra l-proprjetà** – ghaliex ir-reati ta' serq jaqghu taht it-Titolu IX tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar id-delitti kontra l-proprjetà u kontra s-sigurtà pubblika – u s-serq li tieghu instab hati **kien jeccedi l-valur ta' €2,329.37**, ekwivalenti ghal Lm1,000 – stante li l-Artikolu 279(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar il-piena li ghandha tigi imposta f'kaz li l-valur tal-haga misruqa jkun iktar minn €2,329.37.

B'hekk indipendentement mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2011 u indipendentement minn dak kollu li jista' jirrizulta dwar il-kondotta tar-Rikorrent, ladarba fil-konsiderazzjonijiet li kien qed jaghmel dwar l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat lill-Kummissarju tal-Pulizija rrizultalu li ir-Rikorrent jaqa' entro l-parametri prefissi fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ma kellux triq ohra ghajr li fid-dawl ta' dak l-artikolu tal-Ligi jichad it-talba tar-Rikorrent.

Ladarba l-Kummissarju tal-Pulizija agixxa entro l-parametri imposti fuqu mill-Ligi, liema parametri kif già osservat ma jhallux lok ghall-ezercizzju ta' diskrezzjoni da parte tieghu, ghajr kif inghad fil-konsiderazzjoni ta' x'inhu delitt gravi, it-Tribunal ma jistqax iqis li l-istess Kummissarju tal-Pulizija agixxa b'mod irragjonevoli jew arbitrarju u ghaldaqstant ma hemmx lok li d-decizjoni tieghu komunikata lir-Rikorrent b'ittra datata 26 ta' Settembru 2012 tigi revokata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jichad it-talbiet tar-Rikorrent kif minnu avvanzati fir-Rikorsipprezentat fil-5 ta' Novembru 2012.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------